MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Numru 11/1995

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Omissis**
**Tracey Borg**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija fit-18 ta' Jannar, 2000 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Rat l-Atti t'Akkuza 11/95 ;
Rat il-verdett registrat illum 18 ta' Jannar, 2000, li bih il-gurati:

1) b’sitt (6) voti favur u tlett (3) voti kontra sabu lil Tracey Borg hatja skond l-ewwel kap tal-Att t’Akkuza;
2) b’seba (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabuha wkoll hatja skond it-tieni kap tal-istess Att t’Akkuza;
3) u b’seba (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabuha mhux hatja skond it-tielet kap tal-Att t’Akkuza.

Rat il-verdett addizzjonali tal-gurati, moghti ukoll fit-18 ta’ Jannar, 2000 li permezz tieghu huma unanimament sabu lill-imsemmija Tracey Borg recidiva f’delitt minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Marzu, 1994 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Tracey Borg”, riferibbilment ghall-ewwel u ghat-tieni kap tal-Att t’Akkuza (u dan wara li l-gurati gew infurmati mir-Registratur li l-imsemmija Tracey Borg kienet ammettiet l-akkuza ta’ recidiva);

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentata seduta stante, li permezz taghha ceda w irtira l-akkuza ta’ ksur ta’ kundizzjoni ta’ Ordni ta’ Probation imposta bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tal-5 ta’ Mejju, 1994 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Tracey Borg”, kif migjuba fit-tlett kapi tal-Att t’Akkuza;

Tiddikjara lill-imsemmija Tracey Borg mhux hatja skond it-tielet kap ta’Att t’Akkuza u tilliberha minn dan il-kap; izda tiddikjarha hatja talli matul l-erba’ xhur qabel it-tmienja (8) ta’ Mejju, 1994 fornit jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi b’dan li r-reat sar b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, w dan skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att t’Akkuza;
Tiddikjarha hatja wkoll talli fit-tnejn (2) ta’ Lulju, 1994 kellha fil-pussess taghha d-droga erojina bi ksur tal-ligi, b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha, u dan skond it-tieni kap tal-istess Att t’Akkuza;
Tiddikjara lill-istess Tracey Borg hatja wkoll li hija recidiva fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-avukati tad-difiza w tal-prosekuzzjoni jittrattaw dwar il-piena;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz ir-rwol, relattivament zghir, li l-hatja kellha fir-reati aktar ‘l fuq imsemmija meta mqabbel mar-rwol ta’ Joseph Grech li originarjament kien akkuzat maghha w li l-kaz tieghu diga nqata’; il-fedina penali aggornata tal-hatja; kif ukoll iz-zmien li hija diga ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz;

Tosserva in partikolari li l-piena applikabbli f’dan il-kaz hi dik ta’ qabel il-bidu fis-sehh tal-Att XVI tal-1996;

Rat l-Artikoli 11, 17(h), 18, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali; l-Artikoli 2, 20, 22 (1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d)(9) u 26 (1) tal-Kap 101 u r-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Medicini Perikoluzi (GN 292/39);

Tikkundanna lill-imsemmija Tracey Borg ghall-piena ta’ hames (5) snin prigunerija mill-lum, kif ukoll ghal multa ta’ sitt elef (6,000) lira, konvertibbli f’sitt xhur prigunerija ohra f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli ohra tal-istess Tracey Borg u tal-propjeta’ immobbli kollha taghha ukoll jekk il-propjeta’ mmobbli minn meta hija giet akkuzata tkun ghaddiet ghand terzi persuni;
Fl-ahharnett tikkundanna lill-imsemmija Tracey Borg thallas lir-Registratur is-somma ta’ mitejn u wiehed u erbghin lira u ghoxrin centezmu (LM241.20,0) rapprezentanti nofs l-ispejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien gimghatejn mill-lum;

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha li tinsab ezibita taht l-awtorita’ taghha kemm il-darba l-Avukat Generali ma jindikax, permezz ta’ nota presentata mhux aktar tard minn gimgha mill-lum, li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma’ proceduri ohra. Din id-distruzzjoni ghandha ssir mill-ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat ghal dana l-fini. L-imsemmi spizjar ghandu jipprezenta fl-atti ta’ din il-kawza proces verbal bid-dettalji tal-process ta'

distruzzjoni. Dan il-proces-verbal ghandu jigi presentat mhux aktar tard minn tlett gimghat mill-lum”.

Rat li minn din is-sentenza appellat l-akkuzata Tracey Borg permezz ta’ rikors ta’ appell prezentat fis-27 ta’ Jannar, 2000, fejn talbet li din il-Qorti joghgobha illi ghar-ragunijiet premessi, u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu waqt it-trattazzjoni orali ta’ dan l-appell, tiddikkjara lill-esponenti mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha fl-ewwel zewg kapi tal-Att tal-Akkuza fl-ismijiet premessi u ghalhekk thassar il-verdett u s-sentenza ta’ htija fuq dawn iz-zewg kapi u minnhom tilliberha w konsegwentement thassar kull piena nflitta fuq l-esponenti w fin-nuqqas tissostitwixxi l-piena inflitta fuq l-esponenti b’piena ohra li tkun taghmel aktar ghal kaz;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Ezaminat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li kienet saret quddiem din il-Qorti diversament komposta fis-seduti tat-22 ta’ Frar, 2002, 12 t’ April, 2002 u 5 ta’ Lulju, 2002;

Semghet it-trattazzjoni mill-gdid quddiem din il-Qorti kif issa komposta tul is-seduta tat-13 ta’ Frar, 2003,

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-14 ta’ Frar, 2003, dwar il-piena minima legalment possibbli li setghet inghatat lill-appellanti ghall-akkuzi li taghhom instabet hatja , mehud ukoll in konsiderazzjoni l-addebitu tar-recidiva.

Ikkonsidrat ;

Li dan l-appell jirrigwarda kemm il-verdett tal-gurati kif ukoll is-sentenza li inghatat mill-Ewwel Qorti , u dana ghax skond ma tissottometti l-appellanti , l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex isibu lill-appellanti hatja la ta’ traffikar tad-droga eroina taht l-ewwel Kap u lanqas tal-pussess tad-droga eroina taht it-tieni Kap u dana peress illi l-provi ma jwasslux ghac-certezza morali li trid il-ligi. Li umbaghad il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet gholja wisq specjalment meta wiehed iqis il-piena li spicca nghata Joseph Grech wara li s-sentenza tieghu giet

ridotta minn din il-Qorti minhabba l-applikazzjoni tal-beneficcju kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Issemma wkoll bhala attenwanti ghall-fini tal-piena l-fatt li fil-mori tal-kaz l-appellanti kellha tifla w issa hija gravida mill-gdid.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT .

Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-verdett ta'htija tal-gurija, din il-Qorti diversament preseduta kellha diversi okkazzjonijiet fejn enuncjat il-principji ta' dritt li ghandhom jispirawha meta tigi msejjha biex tirrevedi d-decizjoni tal-gurija fuq l-apprezzament tal-fatti  Hekk fis-sentenza taghha recenti tal-24 t'April, 2003, fil-kawza “”Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” gie ritenut li :-

“Illi fuq din il-lamentela tal-appellant , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v. Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done , then , very exceptionally, a conviction will be quashed.” (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fil-kawza fl-ismijiet “Ir-Republika ta' Malta vs. Lawrence Axiaq” deciza fit-23 ta' Jannar, 2003 minn din il-Qorti nghad illi :-

"Huwa appena necessarju li jigi rilevat illi hawn qeghdin f'kamp delikat peress li, trattandosi ta' apprezament tal-provi – ezercizzju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati fil-kors tal-guri – din il-Qorti ma tistax tiddisturba l-apprezzament li huma ghamlu , anki jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu , jekk huma setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruha f' ezercizju ta' x' konkluzzjoni kienet tasal ghaliha li kieku kellha tevalwa l-provi migbura fil-prim'istanza , imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurati , inkwadrat fil-provi prodotti , setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom . Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx ." (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti , fis-7 ta' Marzu, 2000 fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino"
Illi inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Republika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed" deciza fil-5 ta' Lulju, 2002 minn din il-Qorti li :-

"Anki jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti , u dan ghal grazzja tal-argument biss u xejn aktar , hi tasal ghal xi konkluzzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati , hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzha b'taghha , kemm il-darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kienux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi , u setghu ghalhekk , ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi ghall-provi li kellhom quddiemhom . Effettivament , kif dejjem jinghad , mhux lecitu ghal din il-Qorti li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih . Jigifieri , jrid ikun in kontradizzjoini manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett jigi eskluz bhala assolutament infondat ".

Illi fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs,. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

“In effett l-appell kien u jibqa’ bazat fuq apprezzament ta’ provi. F’dan il-kuntest din il-Qorti tiribadixxi li l-funzjoni taghha mhix li tezamina l-provi u tara jekk taqbilx mall-verdett tal-gurati , izda li fuq il-bazi tal-provi migbura , tezamina jekk il-gurati setghux ragonevolment jaslu ghal verdett minnhom raggunt. Dan, ghax wara kollox , is-sistema penali taghna li abbraccja s-sistema tal-guri , huwa bazat fuq il-principju li l-akkuzat jigi gudikat ghal dak li huma fatti mill-gurati , cittadini bhalu , u jekk id-decizjoni taghhom mhix manifestament zbaljata , ghandha tigi rispettata minn din il-Qorti.”

Finalment din il-Qorti , wara li ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza fuq riprodotta tenniet li :-

“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.”

Fir-rigward ta’ appell dwar il-piena mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” [14.6.1999] , “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” [24.4.2003] u ohrajn.)

KONSIDERAZZJONIJIET TA’ FATT.

Illi stabiliti dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt , din il-Qorti qieset s-sottomissonijiet tad-difiza w tal-prosekuzzjoni dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-verdett ta' htija moghti mill-gurija.

Dwar il-htija taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ,Id-difiza tissottometti li dan il-Kap hu marbut ma' periodu ta' zmien ta' erba xhur qabel it-8 ta' Mejju, 1994 . Issa skond il-provi , anki kieku kellu jirrizulta li l-appellanti kienet involuta fl-attivita' illecita ta' traffikar, dawn ghall-massimu iwasslu lura biss sal-bidu ta' Gunju, 1994 u mhux ghall-erba xhur qabel it-8 ta' Mejju, 1994 . Il-Pulizija li ghamlu s-sorveljanza ghamlu dan fit-28 u fit-30 ta' Gunju u fl-1 u 2 ta' Lulju, 1994 . Jekk umbaghad wiehed kellu jaccetta d-depozizzjoni tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Joseph Sharfid li l-appellanti kienet gieli fornietu bi droga , apparti li dan mhux kredibbli bil-mod kif xehed , hemm dubju ragjonevoli jekk tali fornitura saritx fil-periodu tal-erba xhur qabel it-8 ta' Mejju, 1994 , kif imsemmi f' dan il-Kap .

Gie imsemmi ukoll li l-Ewwel Qorti , wara illi saret id-difiza mid-difensur tal-appellanti u li ma'tulha tqajjem il-punt dwar iz-zmien tar-reat addibitat f'dan l-ewwel Kap , kienet talbet lill-partijiet biex jaghtuha l-opinjoni taghhom dwar jekk ghandhiex "ex officio" temenda l-ewwel Kap ghal dak li ghandu x' jaqsam maz-zmien . Pero' mbaghad l-Ewwel Qorti ddecidiet li thalli kollox kif kien u ma temenda xejn biex ma tigix pregudikata l-pozizzjoni tal-akkuzata , ghalkemm fl-indirizz tieghu l-Imhallef kien gibed l-attenzjoni tal-gurati ghal dan il-fattur taz-zmien. L-immaginazzjoni biss setghet twassal biex wiehed jiddeciedi li l-attivita' illecita kienet ukoll testendi qabel l-bidu ta' Gunju, 1994. .

Dwar it-tieni kap , l-appellanti tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma irnexxilix tipprova sal-grad li trid il-ligi illi fit-2 ta' Lulju, 1994 , l-appellanti kienet fil-pussess tad-droga eroina misjuba fil-fond f' Santa Venera u cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni . Intqal li l-unika prova li kien hemm kienet li iz-zewg ufficjali tal-Pulizija li kienu fid-dar ta' magemb fejn kienet Tracey Borg fid-data in kwistjoni jistennew is-sinjali biex jidhlu fuqha w fuq Joseph

Grech kienu semghu minn gol-imsemmi fond lehen ta' ragel jghid il-kliem : "Tracey gibli wiehed tal-ghaxra." Dan il-kliem pero' ma jikkostitwixxi ebda prova kontra l-appellanti ghax ma jaghmilx sens li xi hadd jitlob lil haddiehor li jgiblu xi haga li tkun qieghda magembu w lanqas necessarjament ifisser li kien qed jirriferi ghal droga jew li l-appellanti bil-fors semghet dad-diskors u , anki jekk semghetu , li kienet accettat li tilqa' t-talba jew li agixxiet fuqha . Wara kollox id-difiza tissottometti li l-appellanti xehdet li hi qatt ma messet mad-droga la dakinhar u lanqas kemm kien ilha toqghod ma Joseph Grech ghalkemm kienet taf li Grech jittraffika d-droga tant li gieli qaltlu biex ma jkomplix u li meta Joseph Grech kien johrog , id-droga ma kienx ihalliha fil-post imma kien jahbiha f' xi tank tal-ilma fuq il-bejt.

Inoltre bil-fatt li l-gurati lliberaw lill-appellanti mit-tielet Kap tal-att tal-akkuza li kien jirrigwarda l-pussess tad-droga cannabis , gew ikkontradicew ruhom meta sabuha hatja tat-tieni kap li jirrigwarda l-pussess tad-droga eroina. Id-difiza targumenta li l-gurija kellha ssib htija taz-zewg kapi jew ta' ebda wiehed minnhom ladarba kienu nstabu kemm eroina kif ukoll cannabis waqt is-search fid-dar fejn instabet l-appellanti li dak il-hin sabuha tahsel l-art u ma kellha ebda droga fuq il-persuna taghha.

Id-difiza accennat ukoll ghall-fatt li l-verdett ta' htija dwar l-ewwel Kap kien "minimum verdict" ta' sitta kontra tlieta w li dak dwar it-tieni Kap kien ta' seba kontra tnejn u ghall-fatt li anki l-Ewwel Qorti hasset li kellha taghti piena qrib il-minimu possibbli skond il-ligi .

Minn-naha taghha l-Prosekuzzjoni fil-waqt li taqbel li l-Ewwel Qorti kienet qajjmet il-kwistjoni taz-zmien fir-rigward tal-ewwel Kap u anki kienet propensa li tordna korrezzjoni fl-ewwel kap dwar iz-zmien , izda tghid li dan sar qabel ma d-difiza ghamlet l-arringa taghha lill-gurati w li kienet l-istess difiza li opponiet li ssir tali korrezzjoni – fatt dan tal-ahhar accettat mid-difiza . Kien ghalhekk li l-Qorti halliet kollox kif kien . Inoltre l-Imhallef fl-indirizz kien emfasizza li l-gurati jridu jkunu sodisfatti mill-element taz-zmien fir-rigward tal-ewwel Kap. Huwa minnu li dan il-Kap

bhala zmien li fih hu allegat li gie kommess ir-reat isemmi l-erba xhur qabel it-8 ta’ Majju, 1994, pero’ bil-mod kif xehed Sharfid , b’certa flessibilita’ , seta’ wkoll ikopri z-zmien imsemmi fl-att tal-akkuza . Fi kliem iehor ma kien hemm xejn x’jeskludi li t-traffikar jifrex ghal qabel t-8 ta’ Mejju, 1994 u allura l-gurati setghu jaslu biex jiddeciedu li kien hekk .

Fir-rigward tat-tieni Kap ukoll il-gurati setghu jaslu anki ghab-bazi tal-kliem li kien instema’ w setghu jorbtu . Biex ikun hemm il-pussess , pussess ta’ ftit hin kien bizzejjed . Ma kien hemm ebda kontradizzjoni bejn il-verdett ta’ liberazzjoni dwar it-tielet Kap u dak ta’ htija fuq it-tieni Kap , ghax huma l-qratas tal-eroina li jimbieghu f’pakketti tal-ghaxar liri u l-cannabis ma timbieghx b’dan il-mod , kif kienet issottomettiet il-Prosekuzzjoni lil gurati fir-replika taghha. Saret ukoll riferenza ghall-kontroezami tal-appellanti fil-kors tal-guri fir-rigward tat-tieni Kap.

Ikkonsidrat ;

Illi dwar l-aggravju li jolqot l-ewwel Kap, id-difiza ghandha ragun meta ssostni li l-htija skond dan il-kap hija marbuta ma periodu ta’ zmien partikolari u cioe’ ghall-“erba xhur qabel it-8 ta’ Mejju, 1994”. Tant hu hekk li meta l-Ewwel Qorti fl-Indirizz taghha giet biex tispjega l-elementi li jridu jirrizultaw biex tissussisti l-htija taht dan il-kap, qalet testwalment hekk :-

“U r-raba element li tridu ssibu hu li dan sehh , igifieri li din tat jew ghaddiet ecc. , li dan sehh f’ xi zmien matul l-erba xhur qabel it-tminja ta’ Mejju, 1994 .” …u “ghalhekk ghidtilkom li anki dak li seta’ gara wara, jista’ jkun prova indizjarja ta’ dak li sar qabel , u inthom tridu tkunu sodisfatti minn dawn l-erba elementi Sinjuri Gurati, tridu tkunu moralment konvinti minn dawn l-erba affarijiet ……” u regghet irrepetiet aktar minn darba li r-raba element hu “li dan sehh f’xi zmien matul l-erba xhur qabel it-8 ta’ Mejju, 1994.” (fol.30 tat-traskrtizzjoni)

Illi indubbjament il-Qorti kienet korrettissima meta emfasizzat lill-gurati li jrid jirrizulta ghall-konvinciment

morali taghhom li t-traffikar kien sehh fil-periodu imsemmi fl-ewwel Kap .

Pero’ l-Ewwel Qorti kienet hadet ukoll inizzjatiiva ohra. Di fatti wara li bdiet tisma’ l-arringa w t-trattazzjoni tal-abbli difensur , intebhet li mill-linja ta’ difiza li kienet qed tittiehed , dan l-element taz-zmien seta’ kien ghal kollox karenti mill-provvi li kienu tressqu quddiem il-gurati . Kien proprju ghalhekk li l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2000 , fl-4.30 p.m. , wara li stiednet lill-gurati jirtiraw , ghaddiet biex tistieden lil Dr. Joseph Mifsud sabiex fid-dawl ta’ dak li ssottometta dwar id-dati msemmija fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, jaghmel sottomissjinijiet dwar l-art. 599 (1) tal-Kodici Kriminali w specjalment il-proviso tieghu . (Fol.281 tal-process) .

L-ghada 14 ta’ Jannar, 2000, mbaghad , meta d-difensur temm id-difiza tieghu , il-Qorti regghet talbet lill-gurati jirtiraw u , fl-assenza tal-gurati , il-Qorti stiednet mill-gdid lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-artikolu 599 tal-Kodici Kriminali , kif fil-fatt sar . Il-Qorti umbaghad tat id-decizjoni taghha dwar din il-kwistjoni . (Fol. 282 tal-process)

Mill-ezami tat-traskrizzjoni tar-res gestae ta’ din l-ahhar seduta fuq imsemmija, jemergu s-segwenti punti:- L-Ewwel Qorti esprimiet il-fehma taghha li dak kien l-istadju fejn kellu jigi konsidrat jekk hi ghandix tordna xi korrezzjoni fl-Att tal-Akkuza minhabba il-kwistjoni taz-zmien li kien tqajjem fil-kors tal-arringa tad-difiza . Skond il-Qorti din il-kwistjoni setghet ukoll tolqot it-tieni w t-tielet kap (Tape 24 side A pagna 4 tad-dattilografat) . Id-difiza minnufieh issottomettiet li korrezzjoni jew bdil fl-Att tal-Akkuza f’dak l-istadju biex dan jigi jirrifletti l-parametri ta’ zmien li rrizultaw waqt il-guri , kien ikun ta’ preguddizzju ghall-kaz tad-difiza tal-akkuzata ghaliex id-domandi li kienu saru tul il-guri kollu kienu a bazi tad-dati msemmija fl-att tal-akkuza . Ghalhekk id-Difiza intimat li jekk l-Ewwel Qorti kienet ser tordna xi korrezzjoni f’ dak is-sens f’ dak l-istadju , id-Difiza kienet ser titlob ix-xoljiment tal-guri . (Ara. Tape 20 , side B . fol. 7 u Tape 21, Side A, p. 1)

Da parti taghha l-Prosekuzzjoni ma kienetx kontra li l-ewwel Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha w tordna tali korrezzjoni fl-Att tal-Akkuza w sostniet li din il-korrezzjoni ma kienetx ser tikkreja pregudizzju ghall-linji difensjonali , ghax una volta li d-difiza kienet qed issostni li l-akkuzata qatt ma kellha x'taqsam ma' traffikar u ma pussess, dan kien irrispettiv minn liema periodu kienu qed jitkellmu dwaru .

Kien hawn li l-Ewwel Qorti hasset bir-ragun li kellha tistaqsi lill-Prosekutur : "Nista' nkun naf minn fejn giet id-data ta' qabel it-8 ta' Mejju, 1994, x'inhi … u ghaliex baqghet hekk  sal-mument li d-difiza hadet din il-linja difensjonali ?"

Ir-risposta tal-abbli Prosekutur Dottor Mark Said kienet testwalment din :-

"…Is-Sinjorija tieghek qed taghmel zewg domandi validissimi w nixtieq naghti twegibiet ghaz-zewg risposti . L-ewwel wahda : Min fejn giet din id-data? Nixtieq nghid Sur Imhallef li ma kontx jien personalment li rredigejt l-Att tal-Akkuza. Pero' appena giet accennata w jien fehemt fejn qeda' tmur id-difiza, tkellimt ma min kien inkarigat li jaghmel l-Att tal-Akkuza , jiddispjacini li t-tnejn bqajna bla risposta.   Rigward it-tieni domanda li qed taghmilli l-Qorti , ghaliex jien personalment ma ntbahtx biha qabel , il-verita' hija nistqarr , Sur Imhallef , li kien proprju ftit tal-hin qabel jew ftit tal-mumenti qabel ma l-kollega accenna fih (Sic!) fl-ewwel parti tad-difiza tieghu jien intbaht u anticipajt fejn ser jipprova jahseb (Sic!)  Dik hija s-sitwazzjoni Sur Imhallef. "

Hawn id-difensur kompla ssottometta li l-Att tal-Akkuza suppost isir ghab-bazi ta dak li hemm fil-kompilazzjoni u li minn dak li hemm fil-kompilazzjoni din id-data hija ghal kollox "out of order" . F'dan id-difensur kien altru milli korrett ghax meta din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kumpilazzjoni , proprju fl-ewwel pagna tal-process , fir-rapport tal-Ispettur Prosekutur lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-akkuza dedotta kontra l-akkuzata appellanti u l-ko-akkuzat Joseph Grech , kemm

ghal dak li jirrigwarda l-pussess  u kif ukoll ghal dak li jirrigwarda t-traffikar , iz-zmien indikat kien :-

"…FIT-2 TA' LULJU , 1994 U FL-AHHAR XHUR QABEL IT-2 TA' LULJU, 1994" (emfasi ta' din il-Qorti )

Illi jidher li ghal xi raguni inspjegabbli min kien responsabbli biex jirredigi l-Att tal-Akkuza fl-ufficju tal-Avukat Generali introduca periodu ta-zmien gdid li jirriferi ghal dak ta' "erba xhur qabel it-tminja ta' Mejju, 1994" ghar-rigward tal-ewwel Kap u llimita t-tieni u t-tielet kap BISS ghal-jum tat-2 ta' Lulju, 1994. Dan serjament effettwa l-kaz tal-Prosekuzzjoni ,ghax, fil-kaz tal-ewwel kap, gab is-suppost akkadut f' periodu li ma ssemma minn hadd mix-xhieda u , fil-kaz tat-tieni w t-tielet kapi llimita l-akkuza ghal-jum wiehed tat-2 ta' Lulju, 1994, meta ma kienx hemm bzonn li jsir dan , anzi kien hemm kull raguni biex dan ma jsirx u li jithalla periodu ta' zmien li sija pure jitlaq lura mit-2 ta' Lulju, 1994, jithalla jmur lura kemm hu possibbli biex jolqot l-agir allegatament illecitu taz-zewg akkuzati li seta' jirrizulta minn "system of conduct" li rrizulta mill-osservazzjonijiet li saru mill-Pulizija fl-ahhar ta' Gunju u l-bidu ta' Lulju, 1994 , u mit-testimonjanzi pjuttost vagi dwar dati w zminijiet li solitament wiehed jiltaqa' maghhom fl-evalwazzjoni tal-provi f'kazijiet ta' dan il-generu .

Insomma jidher lil din il-Qorti li min abbozza l-Att tal-Akkuza iddipartixxa mill-periodu taz-zmien li kien indikat fl-akkuza originali u li kien ikopri r-rizultanzi kollha li ivverifikaw ruhom fil-kors tal-kompilazzjoni u dawk li regghu rrizultaw fil-kors tal-guri w minnflok ghamel dak li ghadu kif gie spjegat .

Konfrontata b'din l-ispjegazzjoni – jew ahjar nuqqas ta' spjegazzjoni -  da parti tal-abbli Prosekutur, l-Ewwel Qorti ,   wara li hasbet fit-tul fuq dan il-punt , peress li l-kwistjoni tad-dati tqajjmet proprju mid-difiza u proprju fl-istadju tad-difiza , deherilha li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jkunx gust u ma jkunx "fair" li l-Qorti tezercita s-setgha li ghandha taht l-artikolu 595 (Sic!) (recte 599) biex taghmel xi korrezzjoni fid-dati msemmija fl-Att tal-Akkuza u

ghalhekk il-kwistjoni kellha tieqaf hemm hekk.(Tape 24 side A,  pagna 8 tad-dattilografat) .

Kif intqal pero’ meta l-Ewwel Qorti indirizzat lill-gurati ghal aktar minn darba emfasizzat li jridu jkunu moralment konvinti bla dubju dettat mir-raguni li rrizulta li dak li allegat li sar fir-rigward tat-traffikar kien sar fl-erba xhur qabel it-8 ta’ Mejju, 1994.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Ewwel Qorti kienet perfettament korretta f’dak li ddecidiet u li ma ghaddietx biex tikkoregi l-izball inspjegabbli tal-Prosekuzzjoni fid-dati w dana fi stadju hekk inoltrat tal-process u cioe’ wara li kienet xehdet l-akkuzata u wara li spiccat l-arringa tad-difiza. Din il-Qorti thoss li kieku saret tali korrezzjoni , il-kaz tad-difiza kien jigi pregudikat serjament u ingustament.

Illi naturalment id-difiza ma qajjmitx din il-linja difensjonali ghal xejn b’xejn , imma ghax kienet konsapevoli mill-fatt li fil-kors tal-guri ma kienx hemm prova wahda konkreta li tindika li t-traffikar kien sar fl-4 xhur qabel it-8 ta’ Mejju, 1994. Dan hu konfermat mill-ezami akkurat li ghamlet din il-Qorti tal-provi tal-prosekuzzjoni w tad-difiza moghtija fil-kors tal-guri . Minn imkien ma jemergu fatti li jpoggu l-allegat agir kriminuz tal-akkuzata appellanti fil-periodu indikat fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza. B’mod partikolari fid-depozizzjoni tax-xhud tal-Prosekuzzjoni Joseph Sharfid li kien l-uniku xhud li sostna li hu kien jixtri kemm minnghand Joseph Grech kif ukoll minnghand l-akkuzata appellanti, ma nsibu ebda riferenza preciza ghal dak li jirrigwarda d-dati meta suppost sar dan ix-xiri .

Dan ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni li ddepona fis-seduta tal-11 ta’ Jannar, 2000, wara nofs in-nhar, u li kuntrarjament  ghal dak li kien xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja , fil-kumpilazzjoni kontra l-akkuzata appellanti w l-ko-akkuzat Grech , tenna ripetutament li hu kien xtara d-droga eroina kemm minghand Joseph Grech kif ukoll minnghand l-appellanti mid-dar fejn kienu jghixu flimkien go Santa Venera, ma seta jaghti ebda indikazzjoni ta’ dati , minkejja li gie pressat ripetutamnent biex jaghmel dan fil-kors tal-kontro-

ezami . Fl-“examination-in-chief” stranament ma kien gie mistoqsi xejn dwar iz-zmien meta hu kien suppost xtara din id-droga minnghand Grech u - aktar importanti f’ dan il-kaz - minghand l-appellanti !

Ir-risposti tieghu fil-kontroezami f’dar-rigward kienu ghal kollox lakonici (Ara. Tape 10 side B fol. Et seq.) Mistoqsi jiftakarx meta gie arrestat u kienx it-2 ta’ Lulju, tal-1994, wiegeb : “Le. D-data ezatt ma nghidilekx . Li per ezampju 2 ta’ Lulju, jew hekk . Naf li niftakar 94.” Mistoqsi kemm kien ilu jmur jixtri minnghand Grech u l-akkuzata , wiegeb “Zmien ezatt ma nafx.” “Ma nafx ghax inutili noqghod nghid u nkun qed nigdeb . L-importanti li xtrajt , kont nixtri jien .”

Domanda Difiza : “Inti kont ghidt lill-Ispettur mil-istqarrija li kien ghamel l-ispettur . Inti ghidt hawn , nikkalkula …li minghand iz-Zinanna ili nixtri ftit aktar minn xahar u f’dan ix-xahar xtrajt tnax il-darba l-aktar kif ghidt ta’ l-ghoxrin. Tikkonferma dan , almenu din il-bicca?”

Risposta ta’ Sharfid : “Ta’ xahar u hekk iz-zmien ma nikkonfermahx . Ta’ ghoxrin veru nofs gram ghoxrin lira jiswa.”

Domanda Difiza : “Imma jekk lill-Ispettur ghidtlu ilni xahar u illum ma tiftkarx , tahseb li hekk kien?

Risposta ta’Sharfid : “Ma niftakarx ezatt . …

Domanda Difiza : “Jekk inti dak in-nhar jew ftit granet wara illi gejt arrestat ghidt ili nixtri xi xahar , dak in-nhar dik kienet il-verita?

Risposta ta’ Sharfid : “Qed nghidlek ma nafx ezatt kemm kien iz-zmien …..Ma nafx hux xahar jew hekk . …M’ghandix ideja. “

Mela anki jekk dan ix-xhud jitwemmen f’kull ma qal quddiem il-Qorti Kriminali u fil-waqt li jigi accettat li meta xehed fil-kumpilazzjoni kontra l-appellanti kien gideb , u jekk ukoll jitwemmen dak li kien qal fl-istqarrija tieghu lill-

Ispettur , liema stqarrija kienet giet konfermata bil-gurament mix-xhud , al massimu l-agir kriminuz tal-ispaccjar tal-appellanti seta' jirrisali ghall-bidu ta' Gunju, 1994 , cioe' "ftit aktar minn xahar" qabel ma x-xhud kien gie nterrogat mill-Ispettur Bartolo fis-6 ta' Lulju, 1994. Di fatti dan Sharfid fl-istqarrija tieghu kien qal : "Nikkalkula li minnghand iz-Zinanna ili nixtri ftit aktar minn xahar u f'dan ix-xahar xtrajt xi hdax il-darba." Din l-istqarrija giet debitament konfermata "in toto" bil-gurament quddiem l-allura Magistrat Dottor David Scicluna fl-20 t' Ottubru, 1994 u ghalhekk setghet tikkostitwixxi prova kontra l-akkuzata appellanti fil-guri skond il-ligi . Pero' anki jekk tigi emmnuta, xorta wahda din l-istqarrija ma tkoprix il-periodu ta' zmien indikat fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza , li jigi xaharejn u MHUX XAHAR qabel id-data tal-interrogazzjoni.

Is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur li bil-mod kif xehed Sharfid ihalli l-kwistjoni "open" u li allura jista' ukoll ikopri il-periodu indikat fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza , ma jreggix anzi huwa "self defeating" ghax fil-kamp kriminali , il-kwistjoni ma tridx tithalla "open" imma trid tirrizulta b'mod preciz u li jilhaq il-grad tal-konvinciment morali f' mohh min irid jiggidika dwar il-fatt . Il-prova li trid taghmel il-Prosekuzzjoni mhux dik li tilhaq il-grad tal-possibbli kif donnu qed jaccena li jista' jsir f'dan il-kaz l-abbli prosekutur, lanqas il-grad tal-probabbli , imma addirittura l-grad tac-certezza morali.

Illi anki jekk ix-xiehda ta' Claude Savona tigi interpretata bl-aktar mod favorevoli ghat-tezi tal-Prosekuzzjoni , u minn dak li xehed Savona meta kkonferma l-statement tieghu bil-gurament u mill-fotografiji esebiti w partikolarment ir-ritratt numru 24 fil-faxxikolu tar-ritratti tal-1 ta' Lulju, 1994, li jekk xtara d-droga f'dik id-data , hu kien xtraha minnghand Tracey Borg , xorta jibqa' li dan il-fatt ma garax fil-periodu msemmi fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza .

Illi anki jekk ir-ritratt numru 13 ta' film numru 2 mehud fit-30 ta' Gunju, 1994, fejn Charles Gouder gharaf lilu innifsu w lill-appellanti bhala "l-gharusa tieghu" (i.e. ta' Joseph

Grech) , jigi nterpretat li din l-"gharusa tieghu" mhux biss kienet qed tkellem lil Gouder , kif hu kien xehed fil-kumpilazzjoni , (Tape 12 Side B p. 6) imma addirittura li qed tghaddilu xi haga f'idu , dan il-fatt, anki jekk jittiehded bhala prova li fit-30 ta' Gunju, 1994, Tracey Borg fizikament ghaddiet droga lil Gouder , ukoll jezorbita mill-parametri ta' zmien li l-Avukat Generali nspjegabbilment irrestringa ruhu bihom meta abbozza l-ewwel kap .

Illi inoltre l-Prosekuzzjoni lanqas ma tista' tadduci xi prova remotament valida w konkreta biex tinkwadra l-htija entro l-periodu msemmi fl-ewwel kap mid-depozizzjoni tax-xiehda l-ohra . Di fatti il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija li xehdu fil-guri setghu jitkellmu biss fuq dak li osservaw u li sabu fl-erbat ijiem tal-28 u 30 ta' Gunju, u 1 u 2 ta' Lulju, 1994 . Huwa minnu li kif semmiet l-Ewwel Qorti fl-indirizz taghha , li dak li osservaw dawn ix-xhieda fid-dati msemmija, seta' jiswa' bhala prova indizjarja biex jikkorrobora xi rizultanza ohra ta' agir kriminuz fil-periodu msemmi fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza , imma din it-tip ta' prova ma tistax f' dan il-kaz tissostitwixxi w taghmel tajjeb ghan-nuqqas assolut ta' prova li tpoggi l-allegat agir ta' traffikar fil-periodu tal-erba xhur qabel it-8 ta' Mejju, 1994.

Ghalhekk din il-Qorti thoss bla ezitazzjoni li l-verdett tal-gurija dwar l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza , fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-guri, w tenut kont tad-direzzjoni korretta w specifika tal-Onorevoli Imhallef fl-indirizz lill-gurati li kellhom ikunu moralment konvinti bla ebda dubju ragonevoli li dak li allegatament sar , kien sar proprju fil-periodu tal-erba xhur qabel it-8 ta' Mejju, 1994, direzzjoni li tidher li giet ghal kollox injorata mill-gurati, kien wiehed "unsafe and unsatisfactory" u li m'ghandux jigi konfermat minn din il-Qorti ta' revizjoni . Dana ghaliex ma tressqet ebda prova li dak li allegatament sar skond l-ewwel kap , sar fil-parametri ta' zmien imsemmija f'dan il-kap.

Illi dwar it-tieni kap li huwa marbut mad-data tat-2 ta' Lulju, 1994, il-provi tal-Prosekuzzjoni huma fil-qosor is-segwenti . Skond l-appelanti hi kien ilha tghix ma' Joseph Grech "on and off" ghal xi erba jew sitt xhur skond ma xehdet hi fil-guri jew minn Ottubru 1993 jekk hu minnu dak li qalet

lill-Ispettur waqt l-interrograzzjoni taghha. Tul dan il-periodu ta' koabitazzjoni , hi li kienet midhla tad-drogi , imma kienet qatghet il-vizzju, kienet taf li Grech kien qed jispaccja d-droga mir-residenza ta' ommu fejn l-appellanti kienet ukoll toqghod mieghu ghal periodu ta' xi xahar qabel sar ir-raid mill-Pulizija w cioe' fi flat 1, Carmel Flats, Triq Qormi, f' Santa Venera. Hi xehdet li ma kellhiex pjacir b'dan u gieli kienet tghid li Grech biex ma jkomplix b'dan l-agir kriminuz , izda hu kien jghidilha biex ma tindahalx . Dejjem skond il-versjoni taghha , hi qatt ma messet droga. Qatt ma bieghet droga mill-post u qatt ma ghenet lil Grech fin-negozju tieghu . Dak in-nhar li dahlu fuqhom il-Pulizija, hija kienet qamet tard u kienet qed tahsel l-art tal-flat qabel ma jmorru l-bahar . Hi ma tafx li f'xi hin Grech kien qalilha biex iggiblu "wiehed tal-ghaxra" ghalkemm kienet taf dan x'ifisser u cioe' sachet tal-eroina li jiswa ghaxar liri. Hi ma newwlet ebda pakkett tal-ghaxra lil Grech dak in-nhar. Lil Joseph Sharfid kienet taf min hu ghax ratu f' xi disco il-Furjana w ghax hija mill-Belt imma qatt ma ratu fil-flat ta' Santa Venera.

Illi la mix-xiehda tal-ufficjali tal-Pulizija PC 10 Trevor Cassar (Tape 6 Side B pagna 1 et seq.) u PC 1065 Neville Grech (Tape 7 side A, pagna 4 et seq.) u lanqas mill-faxxikolu tar-ritratti mehuda minnhom fit-2 ta' Lulju, 1994, ma jirrizulta xi ritratt li juri xi attivita' fuq barra tal-flat da parti tal-appellanti dak in-nhar. Lanqas min-notament bl-iskrittura li ttiehdu mill-istess Pulizija li kienu fl-observation post ma jirrizulta li l-appellanti dehret taghmel xi haga f' dak il-jum .

L-unika riferenza li saret mix-xiehda ghall-appellanti dak in-nhar kienet dik ta' WPS 102 Ruth Magro (Tape 8 side B , pagna 3 et seq.) u minn PC 1. Ruben Mifsud (Tape 8 side B , pagna 17 et seq.) . Dawn kienu qeghdin go dipartiment tal-Gvern li jigi bieb ma bieb mall-flat fejn kienu l-appellanti u Joseph Grech iz-Zinanna fit-2 ta' Lulju, 1994 filghodu u minn gol-hajt semghu vuci ta' ragel tghid : "Tracey , gibli wiehed tal-ghaxra" jew kliem simili . Semghu vuci ta' ragel iehor jitlob li jinghata xi pakkett bla flus. Semghu vuci ta' ragel aggressiva tidghi w f' hin minnhom semghu lil Tracey Borg tghid lil Grech biex

ihaffef ghax riedu jmorru l-bahar . Kien hawn li gie deciz li l-Pulizija jidhlu billi jirrejdjaw il-flat ta’ Grech qabel ma hu w l-appellanti johorgu minn hemm. Meta nizlu minn fuq il-bejt sabu lil Grech fil-verandha u lil appellanti b’ xi squeezer jew mop f’idejha tal-hasil tal-art fl-ewwel kamra fejn kien hemm is-salott u fejn instabu qratax bl-eroina, flus u hwejjeg ohra li jidhru fir-ritratti ,fuq xi coffee table. L-appellanti ma nstemghet tghid xejn meta Grech qal il-kliem fuq riportat.

Dak in-nhar pero’ jirrizulta li fil-flat kienu dahlu diversi nies fosthom Joseph Sharfid kif jidher mir-ritratti w n-notamenti miktuba bl-idejn esebiti mill-Pulizija w liema nies kienu telghu fil-flat wara li Grech kien tefghalhom ic-cwievet minn fuq . Dawn sussegwentement gew intercettati mill-Pulizija wara li telqu mill-flat u fuqhom jew ahjar fuq uhud minnhom instabet id-droga eroina . Dawn gew processati sussegwentement .

Irrizulta pero’ mill-osservazzjonijiet tal-Pulizija fit-tlitt ijiem ta’ qabel eskluz id-29 ta’ Gunju, 1994, li kienet festa tal-Imnarja, li Borg kienet diversi drabi fethet lil xi nies li telghu fuq u f’diversi okkazzjonijiet dehret tmiss idejha ma idejn dawn in-nies bhallikieku qed tghaddilhom xi haga . Xi xhieda xehdu ukoll li meta kienu jmorru jhabbtu l-flat biex ikellmu lil Grech kienet tifthilhom hi jew billi titfalhom ic-cwievet minn fuq jew billi tinzel tifthilhom.

Dan hu l-istat tal-provi li fuqhom il-Prosekuzzjoni bbazat l-akkuza taht it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza.

Illi huwa ovvju li l-akkuza taht it-tieni kap tistrieh fuq “circumstantial evidence” jew provi indizjarji , ghaliex ma hemmx prova diretta w okulari li turi li l-appellanti fit-2 ta’ Lulju, 1994 , kellha l-pussess materjali jew fiziku , jew il-pussess kostruttiv fis-sens li kellha d-droga eroina taht il-kontroll taghha. Hu fatt li f’dak il-jum , l-appellanti kienet il-hin kollu sakemm il-Pulizija dahlu fil-post , fil-kumpanija ta’ Joseph Grech , iz-Zinanna . Hu fatt li dan iz-Zinanna kien jittraffika d-droga eroina minn dak il-fond , fil-periodu immedjetament qabel ma l-Pulizija ghamlu r-raid u l-appellanti kienet taf b’dan kollu , skond ma xehdet hi stess

fil-guri . Jidher li b’dana kollu baqghet tghix mieghu w kienet accettat din is-sitwazzjoni. . Minkejja dak li xehdet fil-guri, ma jidhirx li kienet avversa ghal din l-attivita’ ghaliex irrizulta li, almenu fil-granet precedenti ghat-2 ta’; Lulju, 1994, kienet aktar minn darba fethet lill-Junkies li kienu jiffrekwentaw il-fond biex jixtru d-droga . Hemm ritratti li juru li proprju fil-jiem ta’ qabel hi tidher f’ pozizzjoni li tixbah lil dik qiesha qed tghaddi xi haga zghira minn idha ghal id uhud minn dawn il-junkies ( foto.8 , 13 , 15 , Film 2 tat-30.6.94) jew li qed tixxabbat biex tkellem nies li gew biex jinqdew jew addirittura fil-kumpanija ta’ junkies fil-fetha ta’ quddiem il-flat , f’ jum meta Joseph Grech ghal xi hin ma kienx fil-post (foto. 10, 12, 16, 17, File 1 tal-1 ta’ Lulju, 1994), jew fil-kumpanija jew prezenza ta’ Grech u nies ohra fil-fetha fejn irrizulta li diversi drabi kienet isir il-konsenja tad-droga (foto 11, 13 u 17, tat-28 ta’ Gunju, 1994) . Hemm umbaghad ix-xiehda ta’ Joseph Sharfid li jghid ghal aktar minn darba li fix-xahar ta’ qabel ma gie arrestat fil-bidu ta’ Lulju, 1994 , xtara aktar minn darba minghand l-appellanti d-droga eroina w x-xiehda ta’ Claude Savona li jghid li l-appellanti kienet tkun prezenti waqt il-konsenja tad-droga w li fl-ewwel ta’ Lulju, 1994, xtara d-droga minn hemm imma mhux minnghand Joseph Grech xtraha , u dana jista’ jfisser haga wahda biss, jekk jitwemmen , u cioe’ li kien xtraha minnghand l-appellanti – ghalkemm pressat dwar dan ix-xhud baqa’ ma riedx jixhed dan . Hemm il-fatt li proprju fil-kamra ta’ barra tal-flat fejn instabet l-eroina , meta dahlu l-Pulizija, sabu lill-appellanti, sija pure bil-mop jew squeezer f’idejha, imma hemm kienet .

Illi huwa ovvju li meta l-gurati b’verdett ta’ seba kontra tnejn sabu lill-appellanti hatja tat-tieni kap tal-att tal-akkuza , barra mill-qaghdu biss fuq il-kliem li WPS 102 Ruth Magro u PC 1 Ruben Mifsud xehdu li semghu gejjin mill-fond ta’ fejn kienet l-appellanti , setghu wkoll liberament hadu in konsiderazzjoni l-assjem tal-provi kollha li rrizultawlhom u li gew fuq riprodotti sommarjament . Setghu liberament fl-evalwazzjoni tad-diskors li xehdu li semghu l-ufficjali tal-Pulizija msemmija hadu in konsiderazzjoni wkoll bhala “circumstantial evidence” il-fatti kollha tal-kaz , is-“system of conduct” li

rrizultat fir-rigward tal-appellanti fil-granet precedenti , fejn ma jirrizulta li kienet xejn avversa ghall-attivita' nefarja li kien qed jiggestixxi Joseph Grech , iz-Zinanna , imma ghal kuntrarju jidher li kienet qed tassisti ghal din l-attivita' bil-prezenza kontinwa taghha, jekk mhux ukoll tissostitwixxi l-attivita' ta' Grech b'dik taghha, meta Grech ma kienx ikun fil-fond minn fejn kienet qed tigi spaccata l-eroina.

Illi jekk fid-deliberazzjonijiet taghhom il-gurati mxew b'dan il-mod ma kienu qed jaghmlu xejn irregolari ghaliex kienu jkunu qed isegwu dak li l-Onorevoli Imhallef korrettement kien idderigihom biex jaghmlu w cioe' li jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom u mhux izolatament , haga li bil-fors kull min irid jiggudika fuq il-fatt irid jaghmel , specjalment fejn si tratta ta' provi indizjarji w fejn il-provi diretti jkunu skarsi ghal ragunijiet ben noti ghal min jigi msejjah biex jiggudika f'kazijiet bhal dawn .

Kif gie gja accennat , din il-Qorti ma ghandhiex tissostiwixxi il-gudizzju taghha ghal dak tal-gurija , anki jekk forsi tista' ma taqbilx necessarjament mall-konkluzzjoni li l-gurija tkun waslet ghaliha .

Illi l-argument tad-difiza li l-gurija kkontradiciet ruha meta sabet lill-appellanti hatja tat-tieni kap tal-att tal-akkuza w bl-istess ghadd ta' voti ma sabuhiex hatja tal-pussess tas-sustanza cannabis li ukoll instabet fl-istess flat mill-Pulizija , ma jreggix. Il-gurati kellhom sitwazzjoni ghal kollox differenti quddiemhom . Fil-waqt li l-appellanti accettat li kienet taf bit-traffikar tad-droga eroina minn Grech u din instabet mill-Pulizija fejn tidher proprju fil-kamra fejn kienet l-appellanti, d-droga cannabis fil-kwantita' ta' circa tlitt grammi nstabet f' post fejn ma kienetx tidher f'ambjent iehor tal-istess fond. L-appellanti xehdet li ma kienetx taf bil-cannabis u li din qatt ma giet f'idejha. Il-gurati kellhom kull dritt li jemmnu lill-appellanti fuq din il-kwistjoni tal-cannabis u ma jaccettawx il-versjoni taghha dwar l-akkuza ta' pussess tad-droga eroina li hi xehdet li kienet taf bit-traffikar taghha w li hemm provi li – jekk accettati – jwasslu ghall-konkluzzjoni li sahansitra kienet tittrafika hi stess, sija pure mhux fil-periodu ndikat fl-ewwel kap tal-Att

tal-Akkuza . Anzi, l-fatt li l-gurija ghamlet distinzjoni bejn iz-zewg akkuzi , juri bic-car li l-gurati ghamlu sforz biex jiddistingwu bejn il-provi fil-kaz tat-tieni kap u dawk ghal kollox neqsin u karenti  fil-kaz tat-tielet kap.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma thossx li ghandha tilqa’ l-appell in kwantu jirrigwarda id-dikjarazzjoni ta’ htija fuq it-tieni kap tal-att tal-akkuza, ghax il-gurati, li gew diretti b’mod ineccepibbli mill-Imhallef li ppresjieda l-guri, setghu meta jikkonsidraw l-assjem tal-provi ndizjarji , jaslu ghall-konkluzzjoni ta’ htija li waslu ghaliha .

Illi ghar-rigward tal-piena , jidher li l-ewwel Qorti kienet gja tat piena karcerarja inqas mill-minimu preskritt mill-ligi meta wiehed jikkonsidra l-konkors tar-reati, r-reat kontinwat taht l-ewwel kap u r-recidiva. Pero’ il-piena issa necesarjament trid timbidel in vista tal-konkluzzjoni raggunta minn din il-Qorti fuq l-ewwel Kap.

Dwar l-ewwel aggravju dwar il-piena mressaq mill-appellanti, din il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellanti , fil-mori ta’ din il-kawza , ghazlet li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk , persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista’ facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkolllha t-tfal  bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa’ r-responsabbilta’ ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta’ persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b’responsabilta’ w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd  jiddeciedi li jkollu t-tfal meta jkun il-habs, hu jrid jerfa’ l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna’  li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess.

Dwar it-tieni aggravju tal-appellanti dwar il-piena , il-fatt li Joseph Grech , li kien il-percimes f’ din l-attivita’ illecita ta’ spaccjar tad-droga eroina  w li kien sentenzjat ghal disa snin prigunerija mill-Qorti Kriminali , kellu s-sentenza tieghu ridotta minn din il-Qorti diversament preseduta wara li applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 29 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta , fil-fehma ta’ din il-Qorti ma

ghandux ikollu effett determinanti fuq il-kaz tal-appellanti , ghax hi zgur li ma ghandix tibbenefika minn din id-dispozizzjoni w l-gravita’ o meno tal-htija taghha trid tigi valutata ghal rasha minn din il-Qorti indipendentement mill-piena li ghaliha gie sentenzjat haddiehor.

B’dana kollu il-piena kemm dik karcerarja kif ukoll dik pekunjarja trid tigi ridotta biex tirrifletti is-sejbien ta’ htija dwar it-tieni kap biss u l-liberazzjoni mill-htija ghall-ewwel kap u tenut kont tal-fatturi kollha , inkluza r-recidiva , il-kondotta refrattarja tal-appellanti w s-sehem li hi kellha fil-kommissjoni tar-reat li tieghu l-gurati sabuha hatja w kull periodu li l-appellanti ghamlet taht arrest preventiv QABEL ma giet kundannata mill-Qorti Kriminali .

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi , din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-appellanti Tracy Borg limitatament kif ser jinghad u cioe’ billi , wara li rat l-artikoli 501 u 502 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta , tiddikjara li l-appellanti kienet giet misjuba hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza fir-rigward tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza w dana ghaliex il-fatti li setghu rrizultaw mill-provi quddiem l-ewwel Qorti ma kienux graw entro il-periodu ta’ zmien indikat fl-istess kap mill-Avukat Generali w ghalhekk thassar il-verdett ta’ htija tal-gurija fir-rigward ta’ dan l-ewwel kap u konsegwentement tirriforma s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta’ Jannar, 2000,

a) billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellanti hatja tat-tieni kap tal-att tal-akkuza w mhux hatja tat-tielet kap tal-att tal-akkuza ghab-bazi tal-verdett tal-gurija dwar dawn il-kapi , in kwantu iddikjarat lill-istess Tracey Borg hatja wkoll li hija recidiva fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali , in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli ohra tal-istess Tracey Borg u tal-proprjeta’ mmobbli kollha taghha ukoll jekk il-proprjeta’ mmobbli minn meta hija giet akkuzata tkun ghaddiet ghand terzi persuni, in kwantu kkundannat lill-imsemmija Tracey Borg thallas lir-Registratur is-somma ta’ mitejn u wiehed u erbghin lira w ghoxrin centezmu (LM241.20c) rapprezentanti nofs l-ispejjez peritali nkorsi f’dawn il-proceduri w dan fi zmien

gimghatejn mil-lum , kif ukoll in kwantu ordnat id-distruzzjoni tad-droga kollha li tinsab esebita taht l-awtorita' tal-Qorti bil-kondizzjonijiet u modalitajiet indikati fl-istess sentenza u
b) billi tirrevokaha fir-rigward tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza billi , wara li tiddikjara li l-appellanti giet misjuba hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza w li qed thassar il-verdett ta' htija tal-gurija dwar dan il-kap, tiddikjaraha mhux hatja tal-akkuza taht l-ewwel kap tal-att tal-akkuza u tilliberha minnha , w tirrevoka l-piena ta' hames snin prigunerija w l-multa ta' sitt elef lira Maltin (LM6000) u minnflok tikkundanna lill-appellanti ghall-piena ta' erba snin u tlitt xhur prigunerija – li minnha jrid jitnaqqas biss kull periodu li l-appellanti ghamlet fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin mid-data tas-sentenza appellata sal-lum - u multa ta' tlitt elef lira Maltin (LM3000) , liema multa trid tithallas minnufih u f'kaz li ma tigix hekk imhallsa , tigi minnufih konvertita f'sitt xhur prigunerija a tenur tal-artikoli 11 u 14 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahhar nett tipprovdi li jekk l-ispejjez peritali ma jithallsux fiz-zmien ta' hmistax il-jum kif fuq intqal jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija ohra skond il-ligi .

--------------------------------TMIEM--------------------------------